# NIEĦDU AZZJONI

# PJAN DIREZZJONALI GĦALL-KISBA TA' KOPERTURA TAS-SAĦĦA UNIVERSALI GĦAL KULHADD SAL-2030

## Għaliex żviluppajna dan il-Pjan Direzzjonali?

**Filwaqt li l-Kopertura tas-Saħħa Universali (UHC)** huwa għan magħruf sewwa għas-sistemi kollha tal-kura tas-saħħa fl-UE, sfortunatament dan id-**dritt bażiku s'issa** mhuwiex **realtà għall-pazjenti kollha** fl-UE.

## Xi jrid jikseb dan il-Pjan Direzzjonali?

Dan il-Pjan Direzzzjonali, skont il-**Kampanja dwar l-Aċċess għall-Kura tas-Saħħa 2017 tal-EPF,** għandu l-għan li jipprovdi lil min jieħu d-deċiżjonijiet fuq livell nazzjonali u fl-UE b'**azzjonijiet rakkomandati** li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati urġentement sabiex **il-UHC tinkiseb għall-pazjenti kollha fl-UE sal-2030.** Huwa jsejjaħ lill-Istati Membri u l-UE biex jikkommettu ruħhom lejn **viżjoni fit-tul fejn l-ugwaljanza ta' aċċess u l-UHC hija realtà għal kulħadd** li hija wkoll mira tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) tan-NU li jiġu żgurati ħajjiet b'saħħithom.

**Il-kopertura tas-saħħa universali hija dritt uman.**

*Dr Tedros Adhanom Ghebreyesus,*
*Direttur Ġenerali tad-WHO*

**Il-kopertura tas-saħħa universali tfisser li "kulħadd għandu aċċess għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità li huma jeħtieġu mingħajr ma jirriskjaw tbatija finanzjarja jekk iħallsu għalihom".**

*Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO)*

**"Jeħtieġ li l-UE u l-gvernijiet nazzjonali jieħdu azzjoni urġenti biex iwieġbu għaż-żieda fl-inugwaljanzi fis-saħħa fil- u bejn il-pajjiżi tal-UE u l-ostakoli inaċċettabbli għall-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-ħtiġijiet mhux moqdija ffaċċjati minn pazjenti fl-Ewropa.**

*Nicola Bedlington, Segretarju Ġenerali EPF*

## Kif tuża dan il-Pjan Direzzjonali?

**Dan il-pjan direzzjonali jservi bħala gwida għal sfidi pendenti, tħassib tal-pazjenti, ħtiġijiet mhux moqdija u azzjonijiet rakkomandati biex il-UHC tinkiseb għall-pazjenti kollha.**

- **L-EPF** ser juża dan il-pjan direzzjonali bħala dokument ta' referenza għall-attivitajiet kollha tiegħu dwar l-aċċess għas-saħħa.
- L-EPF jistieden lill-**dawk li jieħdu deċiżjonijiet fl-UE u l-Istati Membri** biex jikkunsidraw dan il-pjan direzzjonali u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu meta jkunu qed jiżviluppaw politiki relatati u l-istrateġiji tal-implimentazzjoni tal-SDG tan-NU.
- L-EPF iħeġġeġ o**rganizzazzjonijiet tal-pazjenti u s-soċjetà ċivili** biex jużaw dan il-pjan direzzjonali biex jaħdmu mal-gvernijiet tagħhom, u jżommuhom responsabbli għall-implimentazzjoni tal-UHC.

# Għal xiex qed jaħdem l-EPF?

- **Proċess ta' ħidma trasparenti, inkluživ u kollaborattiv** għall-implimentazzjoni tal-UHC u l-SDGs tan-NU.
- **Azzjoni intersettorjali għas-saħħa** biex tinkiseb il-UHC u titjieb b'mod sinifikattiv il-kwalità ta' ħajja u kura għall-pazjenti.
- **Elementi u azzjonijiet ewlenin,** sabiex jiġu kkunsidrati minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, li jirriflettu fl-intier tagħhom il-ħtiġijiet li huma kkunsidrati mill-pazjenti bħala **essenzjali biex tinkiseb il-UHC.**

**L-illustrazzjoni hawn taħt turi il-5 miri kif ukoll l-azzjonijiet ewlenin komplimentari u interkonnessi biex titwettaq il-UHC. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma mfissra f'aktar dettall fil-Pjan Direzzjonali.**




# Konklużjoni

Fid-dawl tal-Aġenda 2030 għal żvilupp sostenibbli, qatt ma kien hemm każ aktar b'saħħtu, jew mument aktar vitali għall-**Ewropa biex taħdem flimkien biex tipproteġi s-saħħa tagħna,** u għal din ir-raġuni huwa essenzjali li din mhux biss tinżamm, iżda li tiġi kontinwament imtejba. Il-protezzjoni u t-titjib tas-saħħa huma storja ta' suċċess fl-Unjoni Ewropea u l-**kooperazzjoni u kollaborazzjoni eqreb** bejn l-Istati Membri se jagħtu s-setgħa u jgħammru lill-pajjiżi bl-għodod neċessarji u s-sostenn mill-pari biex tinkiseb il-viżjoni tal-EPF ta' Ewropa fejn il-pazjenti kollha b'kundizzjonijiet kroniċi jkollhom aċċess ugwali għal saħħa ta' kwalità għolja, iċċentrataa fuq il-pazjent u l-kura relatata.

**Għall-Pjan Direzzjonali tal-EPF intitolat 'Taking Action – A Roadmap to Achieving Universal Health Coverage for All by 2030', jekk jogħġbok uża l-kodiċi QR.**


EPF European Patients Forum
Chaussée d'Etterbeek 180
1040 Brussels, Belgium
Phone : + 32 2 280 23 34
Fax : + 32 2 231 14 47
info@eu-patient.eu
www.eu-patient.eu


@eupatientsforum
europeanpatientsforum/eupatient
www.eu-patient.eu/blog

#Access2030


**DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABBILTÀ.** Din il-pubblikazzjoni tirriżulta mill-Programm ta' Ħidma tal-2017 tal-EPF, li rċieva fondi mill-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-Programm tas-Saħħa. Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni jirrifletti biss il-ħsibijiet tal-awtur u l-Aġenzija Eżekuttiva mhijiex responsabbli għal kwalunkwe użu li jsir minn din l-informazzjoni li hemm fiha. L-EPF jirċievi appoġġ finanzjarju minn firxa wiesa' ta' sorsi pubbliċi u privati skont il-kodiċi ta' etika tagħna u l-qafas ta' finanzjament dwar it-trasparenza u l-indipendenza.